KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fid-19 ta' Marzu 2020[1]

Kawżi magħquda C-21/19 sa C-23/19

Proċeduri kriminali
kontra
XN (C-21/19),
YO (C-22/19),
P.F. Kamstra Recycling BV (C-23/19),
fil-preżenza ta':
Openbaar Ministerie

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Vjeġġ ta' skart ġewwa l-Unjoni Ewropea – Direttiva 2008/98/KE – Artikolu 5(1) – Kunċett ta' 'prodott sekondarju' – Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 – Artikolu 1(3)(d) – Regolament (KE) Nru 1069/2009 – Kunċett ta' 'prodotti sekondarji mill-annimali' u ta' 'kategoriji ta' materjali' – Applikazzjoni għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż – Riskju ta' evażjoni abbużiva"

I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi) tirrigwarda l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, u b'mod iktar partikolari dwar it-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali mħallta ma' skart mhux perikoluż.

2. Wara s-sentenza ReFood[2], dwar it-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, l-inqas waħda perikoluża, li kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk dan it-trasport kienx irregolat mir-Regolament (KE) Nru 1069/2009[3] jew mir-regolament iktar restrittiv li jikkostitwixxi, meħud kollu kemm hu, ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006[4], il-Qorti tal-Ġustizzja għal darb'oħra hija mitluba tiddeċiedi dwar l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ regolamenti, iżda din id-darba fil-każ ta' taħlita ta' materjali.

3. Din il-kawża tiżvela numru ta' problemi fir-redazzjoni u, għalhekk, fl-interpretazzjoni tat-testi applikabbli li ser nipprova nenfasizza.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood (C-634/17, iktar 'il quddiem, is-"sentenza ReFood", EU:C:2019:443).

3 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU 2009, L 300, p. 1).

4 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU 2006, L 190, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 334, p. 46).

4. Fl-analiżi tiegħi ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex, filwaqt li ssegwi l-linja meħuda mis-sentenza ReFood, tiddeċiedi li t-trasport ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż huwa suġġett għar-Regolament Nru 1069/2009 u b'mod iktar partikolari għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kategorija ta' prodotti sekondarji mill-annimali li taħtha jaqgħu l-prodotti sekondarji mill-annimali li jinsabu f'din it-taħlita.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart

a) Id-Direttiva 2008/98/KE

5. L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/98/KE [5] jipprevedi:

"Dawn li ġejjin għandhom jiġu eskluzi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sal-punt li huma koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra:

[…]

b) prodotti sekondarji mill-annimali inkluż prodotti pproċessati koperti mir-Regolament (KE) Nru 1774/2002[[6]], ħlief dawk li huma destinati għall-inċinerazzjoni, għar-radam jew għall-użu f'impjant ta' bijogass jew ta' kompostaġġ;

[…]"

6. Skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Prodotti Sekondarji":

"1. Sustanza jew oġġett, li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu, jista' jitqies li mhuwiex skart kif imsemmi fil-punt (1) ta' l-Artikolu 3 iżda bħala prodott sekondarju biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) l-użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert;

b) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu wżati direttament mingħajr kwalunkwe proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali;

ċ) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni; u

d) l-użu ulterjuri jkun skond il-liġi, i.e. is-sustanza jew l-oġġett jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' protezzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku, u mhuwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

[…]"

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3).

6 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman (ĠU Edizzjoni bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 37, p. 92, rettifika fil-ĠU 2007, L 30, p. 3). Dan ir-Regolament tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 1069/2009.

b) Ir-Regolament Nru 1013/2006

7. Il-premessa 11 tar-Regolament Nru 1013/2006 tiddikjara:

"Huwa meħtieġ li tiġi evitata duplikazzjoni mar-[Regolament Nru 1774/2002] li diġà fih dispożizzjonijiet li jkopru l-kunsinna b'mod ġenerali, id-direzzjoni u l-moviment (il-ġbir, it-trasport, l-immaniġġar, l-ipproċessar, l-użu, l-irkupru jew ir-rimi, iż-żamma ta' records, id-dokumenti ta' akkumpanjament u t-traċċabbiltà) ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali fi, lejn u mill-Komunità."

8. L-Artikolu 1(3)(d) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Dan li ġej għandu jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

[…]

d) vjeġġi li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tar-Regolament […] Nru 1774/2002;

[…]"

9. L-Artikolu 2(35) tal-imsemmi regolament fih definizzjoni ta' "vjeġġi illegali", li tinkludi b'mod partikolari vjeġġi mingħajr in-notifiki meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jew mingħajr il-kunsens tagħhom.

10. Skont l-Artikolu 12(1)(ċ) tal-istess regolament:

"1. Fejn tiġi preżentata notifika dwar vjeġġ ta' skart ippjanat destinat għall-irkupru, l-awtoritajiet kompetenti tad-destinazzjoni u tad-dispaċċ jistgħu, […] jagħmlu oġġezzjonijiet motivati bbażati fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija hawn taħt u skond it-Trattat:

[…]

ċ) il-vjeġġ jew l-irkupru ppjanat ma jkunx skond il-liġi nazzjonali fil-pajjiż tad-dispaċċ relattiva għall-irkupru ta' skart, inkluż fejn il-vjeġġ ippjanat jikkonċerna skart destinat għall-irkupru f'impjant li jżomm ma' standards ta' trattament għall-iskart partikolari li huma aktar baxxi minn dawk tal-pajjiż tad-dispaċċ, bir-rispett dovut lejn il-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern.

[…]"

2. Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali

a) Ir-Regolament Nru 1774/2002

11. L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1774/2002, intitolat "Definizzjonijiet", kien jipprevedi:

"1. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) prodotti sekondarji ta' l-annimali: iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali riferiti fl-Artikoli 4, 5 u 6 mhux maħsuba għall-konsum uman, inklużi ova, embrijoni u semen;

[…]

d) Materjal ta' kategorija 3: prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Artikolu 6;

[…]"

12. Skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-Materjal ta' Kategorija 3", "[m]aterjal ta' Kategorija 3 għandu jikkomprendi prodotti sekondarji ta' l-annimali tad-deskrizzjoni li ġejja, jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn". It-termini "jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn" kienu wkoll użati għad-definizzjoni tal-materjal tal-Kategoriji 1 u 2, li jinsabu fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan l-istess regolament.

b) Ir-Regolament Nru 1069/2009

13. Il-premessa 29 tar-Regolament Nru 1069/2009 tgħid:

"Il-prodotti sekondarji tal-annimali u l-prodotti derivati għandhom jiġu kklassifikati fi tliet kategoriji li jirriflettu l-grad ta' riskju li huma joħolqu għas-saħħa pubblika u tal-annimali, fuq il-bażi ta' evalwazzjonijiet tar-riskju. […]"

14. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-saħħa pubblika u dik tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minnhom, biex jiġu milqugħa minn qabel u minimizzati r-riskji għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali li ġejjin minn dawn il-prodotti, u b'mod partikolari biex titħares is-sikurezza tal-katina tal-ikel u tal-għalf."

15. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'prodotti sekondarji mill-annimali', tfisser iġsma jew partijiet ta' annimali, jew prodotti li ġejjin mill-annimali, li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi ooċiti, embrijuni u semen;

2. 'prodotti derivati' tfisser prodotti miksuba minn trattament, trasformazzjoni jew grad ta' ipproċessar wieħed jew aktar ta' prodotti sekondarji mill-annimali;

[…]"

16. L-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament Nru 1069/2009 jiddefinixxu l-Kategoriji 1, 2 u 3 rispettivament.

17. L-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament, intitolat "Importazzjoni u transitu", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"B'deroga mill-paragrafu 1, l-importazzjoni u t-transitu ta':

[…]

b) prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati mħalltin jew kontaminati bi kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni 2000/532/KE[7] għandu jseħħ biss suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament […] Nru 1013/2006.

7 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 151).

[…]"

18. L-Artikolu 43 tal-imsemmi regolament, intitolat "Esportazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 5 tiegħu:

"B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, l-esportazzjoni ta':

[…]

b) prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati mħalltin jew kontaminati bi kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni [2000/532] għandu jseħħ biss suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament […] Nru 1013/2006."

19. Skont l-Artikolu 48 tal-istess regolament, intitolat "Kontrolli għad-dispaċċ lejn Stati Membri oħrajn":

"1. Meta operatur ikun bi ħsiebu jibgħat materjal tal-Kategorija 1, materjal tal-Kategorija 2 u ikel ta' laħam u għadam jew xaħam tal-annimali li jkun ġej minn materjali tal-Kategorija 1 u Kategorija 2 lejn Stat Membru ieħor, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni għandu jiddeċiedi mal-applikazzjoni mill-operatur, f'perjodu speċifiku ta' żmien:

a) li jirrifjuta l-wasla tal-konsenja;

b) li jaċċetta l-konsenja bla kondizzjoni; jew

c) li jirrikonoxxi r-riċezzjoni tal-konsenja tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (i) jekk il-prodotti derivati ma jkunux għaddew minn sterilizzazzjoni bil-pressa, ikollhom jgħaddu minn dan it-trattament; jew

   (ii) il-prodotti sekondarji tal-annimali jew il-prodotti derivati jridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għad-dispaċċ tal-konsenja li jkunu ġġustifikati għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-annimali sabiex jiġi żgurat li l-prodotti sekondarji tal-annimali u l-prodotti derivati jkunu maniġġati b'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Għandhom jiġu adottati formati għall-applikazzjonijiet minn operaturi msemmija fil-paragrafu 1 b'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 52(3).

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni, permezz tas-sistema Traces b'konformità mad-Deċiżjoni 2004/292/KE [8], tad-dispaċċ ta' kull konsenja mibgħuta lill-Istat Membru tad-destinazzjoni, ta':

a) prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati msemmija fil-paragrafu 1;

b) proteini tal-annimali pproċessati ġejjin minn materjal tal-Kategorija 3. […]

[…]

8 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 43, p. 367).

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 5, il-prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati msemmija fihom li tħalltu jew ġew ikkontaminati ma' kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni [2000/532] għandhom jintbagħtu lejn Stati Membri oħrajn suġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament […] Nru 1013/2006.

[…]"

20. L-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi dan li ġej:

"Ir-Regolament […] Nru 1774/2002 huwa b'dan imħassar b'effett mill-4 ta' Marzu 2011.

Ir-referenzi għar-Regolament […] Nru 1774/2002 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament […]".

B. Id-dritt Olandiż

21. L-Artikolu 10.60(2) tal-Wet milieubeheer (il-Liġi dwar l-Immaniġġar tal-Ambjent") jipprevedi:

"Hija pprojbita l-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet kif mfissra fl-Artikolu 2(35) tar-[Regolament Nru 1013/2006]."

22. L-Artikolu 1.1(6) tal-Liġi dwar l-Immaniġġar tal-Ambjent jipprevedi:

"[…] F'kull każ, il-materjali, taħlitiet jew oġġetti li huma prodotti sekondarji fis-sens tal-Artikolu 5 tad-[Direttiva 2008/98] ma humiex ikkunsidrati bħala skart meta dawn il-prodotti sekondarji jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu ċċitat iktar 'il fuq u l-kriterji indikati għal dawn il-finijiet f'miżura ta' implimentazzjoni adottata skont l-imsemmi artikolu tad-[Direttiva 2008/98] jew f'regolament adottata mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tagħna."

III. Il-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Fil-kuntest ta' tliet proċeduri kriminali, l-Openbaar Ministerie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, il-Pajjiżi l-Baxxi) jakkuża lill-kumpannija P.F. Kamstra Recycling BV u lil XN u YO, żewġ persuni fiżiċi li jaħdmu għal din il-kumpannija (iktar 'il quddiem, flimkien, "Kamstra Recycling"), li, bejn l-10 ta' Ġunju 2011 u d-19 ta' Ġunju 2012, ittrasferixxew mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn il-Ġermanja, mingħajr notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti jew mingħajr il-kunsens tagħhom skont ir-Regolament Nru 1013/2006, taħlita ta' salmura u ta' tessuti tal-annimali, taħlita ta' residwi ta' xaħam u ta' salmura, taħlita ta' ħama tad-drenaġġ u ta' skart ieħor (mhux magħruf), taħlita ta' ħama tad-drenaġġ u ta' skart (prodotti mill-ħalib), u taħlita ta' ħama tat-trattament ta' ilma tal-iskart u ta' konċentrat tal-proteina.

24. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-każ ta' mill-inqas waħda jew tnejn mit-taħlitiet ikkonċernati, dawn kienu jikkonsistu parzjalment fi prodotti sekondarji mill-annimali u parzjalment f'materjal ieħor, u li l-prodotti sekondarji mill-annimali, f'dan il-każ, kienu jikkonċernaw materjali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1069/2009. It-taħlitiet kienu intiżi sabiex jintużaw f'impjant ta' produzzjoni ta' bijogass fil-Ġermanja. Il-vjeġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali la kienu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti u lanqas ingħata l-kunsens għalihom min-naħa tal-imsemmija awtoritajiet.

25. Din il-qorti tirrileva li l-kwistjoni li tqum f'dawn il-kawżi hija dik dwar jekk il-vjeġġi ta' taħlitiet imsemmija fl-akkużi jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 jew f'dak tar-Regolament Nru 1069/2009.

26. L-Uffiċċju tal-Prosekutur jikkunsidra li huwa applikabbli r-Regolament Nru 1013/2006, peress li t-taħlitiet imsemmija fl-akkużi għandhom, kull waħda, jiġu kklassifikati bħala skart. Fl-opinjoni tiegħu, il-kwistjoni dwar jekk humiex prodotti sekondarji mill-annimali għandha tiġi evalwata skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, u abbażi tad-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009.

27. Min-naħa l-oħra, l-akkużati jikkunsidraw li f'dan il-każ għandu jiġi applikat ir-Regolament Nru 1069/2009 u mhux ir-Regolament Nru 1013/2006 għaliex it-taħlitiet imsemmija fl-akkużi huma prodotti sekondarji mill-annimali. Fil-fatt, peress li hija kwistjoni ta' prodott sekondarju mill-annimali, ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevali fuq ir-Regolament Nru 1013/2006. F'dan ir-rigward, l-akkużati jibbażaw id-dikjarazzjoni li t-taħlitiet imsemmija huma prodotti sekondarji mill-annimali fuq id-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-regolament antik dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, jiġifieri, ir-Regolament Nru 1774/2002. Skont dan l-aħħar regolament, il-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" jinkludi wkoll "kull materjal/taħlita li tinkludi prodotti sekondarji mill-annimali".

28. L-akkużati jirrikonoxxu li huwa minnu li r-Regolament Nru 1069/2009 issa jsemmi biss materjali li jinkludu prodotti sekondarji mill-annimali li għandhom jiġu kklassifikati bħala prodotti sekondarji mill-annimali. Madankollu, dan l-aħħar regolament ma kienx intiż sabiex jemenda d-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-Regolament Nru 1774/2002. Insostenn ta' din il-pożizzjoni, l-akkużati rreferew għar-rapport tal-esperti tal-10 ta' Marzu 2016, li ġie ordnat, fl-ewwel istanza, mir-rechtbank Gelderland (il-Qorti ta' Gueldre, il-Pajjiżi l-Baxxi). B'hekk, it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali bl-esklużjoni ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali li fihom skart perikoluż jaqgħu wkoll fid-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", li tinsab fir-Regolament Nru 1069/2009, mingħajr distinzjoni dwar il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrapreżentaw fit-taħlita meta mqabbla ma' materjali oħra.

29. Peress li r-rechtbank Gelderland (il-Qorti ta' Gueldre) segwit il-parir mogħti fir-rapport tal-esperti, hija lliberat lill-akkużati mill-fatti li bihom kienu akkużati. L-Uffiċċju tal-Prosekutur għalhekk ippreżenta appell minn dawn is-sentenzi liberatorji quddiem il-qorti tar-rinviju.

30. Qabel xejn, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar kif il-kunċett ta' "prodotti sekondarji", li jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98, jirrelata mal-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", li jinsab fir-Regolament Nru 1069/2009. B'mod iktar preċiż, hija tistaqsi dwar jekk materjal, li ma jistax jiġi kklassifikat bħala prodott sekondarju, fis-sens ta' din id-direttiva, jistax xorta waħda jiġi kkunsidrat bħala "prodott sekondarju mill-animali", fis-sens ta' dan ir-regolament u, għalhekk, ikun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 skont l-Artikolu 1(3) tiegħu.

31. Sussegwentement, skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi interpretat l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 sabiex jiġi stabbilit kif għandha tinftiehem l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament dwar "vjeġġi li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009". F'dan ir-rigward, skont din il-qorti, tqum il-kwistjoni dwar jekk din l-esklużjoni tkoprix it-trasport bejn Stat Membru u Stat Membru ieħor ta' prodotti sekondarji mill-annimali irrispettivament mill-kategorija li fihom jaqgħu dawn il-materjali, jew jekk tkoprix biss it-trasport ta' materjali msemmija fl-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 1069/2009, jiġifieri ta' materjali tal-Kategorija 1, tal-materjali tal-Kategorija 2, ċerti prodotti derivati minnhom u proteini mill-annimali pproċessati derivati minn materjali tal-Kategorija 3.

32. Finalment, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li hija għandha tagħmel id-domanda dwar jekk l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li huma wkoll koperti l-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjali oħra u, jekk fl-affermattiv, jekk il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita meta mqabbla mal-materjali l-oħra hijiex rilevanti.

33. Skont din il-qorti, f'dan ir-rigward, għandu jiġi stabbilit jekk id-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-Regolament Nru 1069/2009 kinitx intiża sabiex temenda b'mod sostantiv dik li tinsab fir-Regolament Nru 1774/2002, fis-sens li kwantità ta' materjali mħallta ma' kwantità ta' prodott sekondarju minn annimali, tkun xi tkun il-proporzjon bejn iż-żewġ kwantitajiet, ma tistax tibqa' tiġi kklassifikata bħala "prodott sekondarju mill-animali", b'tali mod li l-vjeġġ ta' tali taħlita jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

34. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Bid-definizzjoni tagħha, sustanza li ma hijiex prodott sekondarju fis-sens tad-Direttiva 2008/98 lanqas ma tikkostiwixxi prodott sekondarju tal-annimali fis-sens tar-Regolament Nru 1069/2009, hekk li din is-sustanza ma hijiex eskluża mill-applikazzjoni tar-Regolament 1013/2006 skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament 1013/2006? Jew, ma huwiex eskluż li sustanza li taqa' fid-definizzjoni ta' 'prodotti sekondarji tal-annimali' fis-sens tar-Regolament 1069/2009 meta ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, hekk li din il-materja ma taqax strettament taħt ir-Regolament 1013/2006?

2) X'għandu jinftiehem bil-kunsinni li huma suġġetti għar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (issa r-Regolament 1069/2009) fis-sens tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament 1013/2006: huwa t-trasport (bejn [Stat Membru u Stat Membru] ieħor) ta' prodotti sekondarji tal-annimali, irrispettivament mill-kategorija li taħtha jaqgħu dawn is-sustanzi? Jew, it-trasport ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 (li kien l-Artikolu 8 tar-Regolament 1774/2002), sustanzi limitati għall-prodotti sekondarji tal-annimali jew għall-prodotti dderivati fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, għaldaqstant sustanzi tal-Kategorija 1, sustanzi tal-Kategorija 2, u ċerti prodotti derivati minnhom, inklużi proteini pproċessati tal-annimali dderivati minn sustanzi tal-Kategorija 3?

3) Jekk, permezz ta' kunsinni li huma suġġetti għar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (li sar ir-Regolament 1069/2009), fis-sens tal-Artikolu 1(3), *initio* u subparagrafu (d) tar-Regolament 1013/2006, għandu jinftiehem it-trasport (bejn [Stat Membru u Stat Membru] ieħor) ta' prodotti sekondarji tal-annimali, irrispettivament mill-kategorija li taħtha jaqgħu dawn is-sustanzi, l-Artikolu 1(3), *initio* u subparagrafu (d) tar-Regolament 1013/2006 għandu wkoll jiġi interpretat fis-sens li t-trasferimenti ta' taħlit ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' sustanzi oħra u, jekk iva, il-proporzjon li l-prodotti sekondarji tal-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita huwa relattiv għal sustanzi oħra li huma rilevanti? Jew, prodott sekondarju tal-annimali jitlef il-karattru ta' prodott sekondarju tal-annimali fis-sens tar-Regolament 1069/2009 u jsir skart fis-sens tal-Regolament 1013/2006 minħabba li jitħallat ma' sustanza oħra?"

35. Id-deċiżjoni tar-rinviju, datata 19 ta' Diċembru 2018, waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Jannar 2019. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Kamstra Recycling, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, mill-Gvern Olandiż, mill-Gvern Franċiż, u minn dak Awstrijak kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. L-istess partijiet u persuni kkonċernati, bl-eċċezzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur u tal-Gvern Awstrijak, ġew irrappreżentati waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li saret fl-4 ta' Diċembru 2019.

IV. Analiżi

36. Ser neżamina kull waħda mit-tliet domandi preliminari, waħda wara l-oħra, filwaqt li qabel xejn nenfasizza li t-tieni domanda tirrepeti essenzjalment id-domanda li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fis-sentenza ReFood, risposta li madankollu l-qorti tar-rinviju ma kellhiex, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tat id-deċiżjoni tagħha wara li ntbagħtet it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari.

A. Fuq l-ewwel domanda

37. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009 għandhiex tinqara flimkien mad-definizzjoni ta' "prodott sekonodarju" li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98 b'tali mod li fil-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" jaqa' biss materjal li huwa wkoll "prodott sekondarju" fis-sens ta' din id-direttiva.

38. Analiżi taż-żewġ kunċetti turi li dawn ma humiex relatati.

39. L-ewwel nett, id-definizzjonijiet tagħhom la jikkoinċidu b'xi mod u lanqas jirreferu għal xulxin. "Prodott sekondarju", fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98, huwa sustanza jew prodott li jirriżulta minn proċess ta' produzzjoni li jissodisfa numru ta' kundizzjonijiet [9]. Il-"prodotti sekondarji mill-annimali" huma ddefiniti b'mod awtonomu fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009 bħala iġsma jew partijiet ta' annimali, prodotti li ġejjin mill-annimali, li ma humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ooċiti, l-embrijuni u s-semen.

40. It-tieni nett, il-kunċett ta' "prodott sekondarju" fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98 huwa ddefinit b'kuntrast mal-kunċett ta' "skart" fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva. Dan l-Artikolu 5 fil-fatt jipprevedi b'mod espress li "prodott sekondarju" ma huwiex skart. Għall-kuntrarju, il-"prodotti sekondarji mill-annimali" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009 jistgħu jkunu "skart" fis-sens ta' dan l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98, kif jirriżulta mill-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament Nru 1069/2009. Konsegwentement, sustanza tista' tkun "prodott sekondarju mill-annimali", li tissodisfa l-kunċett ta' "skart", mingħajr ma tkun "prodott sekondarju" fis-sens tad-Direttiva 2008/98.

41. It-tielet nett, kif issostni l-Kummissjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "prodott sekondarju" fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98 biss sustanza jew oġġett li dwarhom hemm ċertezza li ser jintużaw ulterjorment mingħajr trattament addizzjonali ieħor minbarra l-prattiċi industrijali normali. Dan jeskludi li l-"prodott sekondarju" ikun l-oġġett ta' pproċessar, b'mod partikolari permezz ta' sterelizzazzjoni, minkejja li tali pproċessar huwa speċifikatament maħsub fil-każ ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" [10].

42. Ir-raba' nett, id-Direttiva 2008/98 tindika b'mod espress [11] li hija ma tapplikax għall-prodotti sekondarji mill-annimali koperti bir-Regolament Nru 1069/2009 [12], bl-eċċezzjoni ta' dawk li huma intiżi għall-inċinerazzjoni, għar-radam jew għall-użu f'impjant ta' bijogass jew ta' kompostaġġ. F'dawn it-tliet każijiet, id-Direttiva 2008/98 tapplika għall-"prodotti sekondarji mill-annimali", mingħajr ma hemm riferiment għall-kunċett ta' "prodott sekondarju" fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva.

9 Ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Ara b'mod partikolari, l-Artikolu 2(g)(iii), l-Artikolu 3(19), l-Artikolu 12(a)(ii), l-Artikolu 13(d), l-Artikolu 14(k), u l-Artikolu 24(a) tar-Regolament Nru 1069/2009.

11 Ara l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2008/98.

12 Id-Direttiva 2008/98 tirreferi għar-Regolament Nru 1774/2002, iżda, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1069/2009, ir-riferimenti għar-Regolament Nru 1774/2002 għandhom jitqiesu bħala magħmula għar-Regolament Nru 1069/2009.

43. Minn dan isegwi li materjal li ma huwiex "prodott sekondarju" fis-sens tad-Direttiva 2008/98 jista' madankollu jkun "prodott sekondarju mill-annimali" fis-sens tar-Regolament Nru 1069/2009.

44. Nenfasizza li din l-interpretazzjoni hija konformi mal-għan tar-Regolament Nru 1069/2009 li huwa intiż sabiex jistabbilixxi qafas kompet relatat mat-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali [13].

45. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għall-ewwel domanda billi tiddikjara li d-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009, hija indipendenti mid-definizzjoni ta' "prodott sekondarju" li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98, b'tali mod li materjal jista' jkun "prodott sekondarju mill-annimali" mingħajr ma jkun "prodott sekondarju" fis-sens ta' din id-direttiva.

B. Fuq it-tieni domanda

46. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006. B'dan il-mod, din il-qorti tistaqsi jekk il-vjeġġi kollha ta' prodotti sekondarji mill-annimali, tkun xi tkun il-kategorija li fiha huma jaqgħu, humiex esklużi mir-Regolament Nru 1013/2006 jew jekk humiex biss uħud minn dawn il-vjeġġi li huma esklużi minn dan ir-regolament. Din id-domanda kienet preċiżament is-suġġett ta' talba għal deċiżjoni preliminari fis-sentenza ReFood, li fiha jiena ppreżentajt konklużjonijiet [14] u li wasslet għas-sentenza bl-istess isem. Kif indikajt fil-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet, din ġiet deċiża wara li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'din il-kawża.

47. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tfakkar dak li hija ddeċidiet fil-punt 62 tas-sentenza ReFood, jiġifieri li l-Artikolu 1(3)(d)tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi espressament l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

48. Il-każijiet inkwistjoni jinsabu fl-Artikolu 41(2)(b), fl-Artikolu 43(5)(b), u fl-Artikolu 48(6) tar-Regolament Nru 1069/2009. Dawn jirrigwardaw kollha kemm huma taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' prodotti perikolużi.

C. Fuq it-tielet domanda

49. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi kif għandu jiġi ttrattat it-trasport tat-taħlitiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' prodotti sekondarji mill-annimali [15] ma' materjali oħra, f'dan il-każ skart mhux perikoluż. Hija essenzjalment tistaqsi jekk ir-Regolament Nru 1069/2009, eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għal taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' materjali oħra li jikkostitwixxu skart mhux perikoluż, tkun xi tkun il-proporzjon ta' prodotti sekondarji mill-annimali f'din it-taħlita.

50. Ir-risposta tqajjem ċerti diffikultajiet kif jidher mill-osservazzjonijiet diverġenti li ġew sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, kemm matul il-fażi bil-miktub kif ukoll matul il-fażi orali tal-proċedura.

13 Ara s-sentenza ReFood, punt 56; ara, ukoll, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/98.

14 Ara l-konkużjonijiet tiegħi fil-kawża ReFood (C-634/17, EU:C:2019:61).

15 Minn issa 'l quddiem ser nuża l-espressjoni "prodotti sekondarji mill-annimali" biex inkopri kemm il-"prodotti sekondarji mill-annimali" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009 kif ukoll il-"prodotti derivati" fis-sens tal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament.

51. Dawn id-diffikultajiet huma relatati mal-fatt li r-Regolament Nru 1069/2009 ma jittrattax b'mod espress il-kwistjoni tat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż, mal-fatt li d-definizzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali f'dan ir-regolament tqajjem mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tar-regolament għal dawn it-taħlitiet u mal-fatt li r-rabta mar-Regolament Nru 1013/2006 f'dak li jirrigwarda skart mhux perikoluż ma hijiex ċara.

52. Il-kwistjoni tqum fil-kuntest segwenti. Impriża wettqet it-trasport, mill-Pajjiżi l-Baxxi, ta' ħama tad-drenaġġ [16] b'mod partikolari, li f'dan il-każ huwa skart mhux perikoluż, li tħallat ma' prodott sekondarju mill-annimali tal-Kategorija 3, sabiex jiġu pproċessati f'impjant ta' bijogass fil-Ġermanja. Skont jekk din it-taħlita hijiex ikkunsidrata bħala prodott sekondarju mill-annimali, bħala skart, jew bħala t-tnejn, it-trasport tagħha huwa rregolat mir-Regolament Nru 1069/2009 jew mir-Regolament Nru 1013/2006, jew inkella, minn dawn iż-żewġ regolamenti.

53. Il-kwistjonijiet prattiċi huma importanti. Mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Uffiċċju tal-Prosekutur jirriżulta li l-ħama inkwistjoni, ikkunsidrat bħala tali u għalhekk mhux assoċjat mal-prodotti sekondarji mill-annimali, huwa kkunsidrat bħala "skart" u l-vjeġġ tiegħu huwa suġġett għall-proċedura ta' notifika u ta' kunsens minn qabel prevista mir-Regolament Nru 1013/2006. Jekk, wara li jkun tħallat ma' prodott sekondarju mill-annimali tal-Kategorija 3, huwa kkunsidrat bħala prodott sekondarju mill-annimali ta' din il-kategorija u huwa suġġett għar-Regolament Nru 1069/2009 biss, għat-trasport tiegħu huma meħtieġa biss dokument kummerċjali bid-dettalji tan-natura tal-materjali kkonċernati u, jekk ikun il-każ, ċertifikat tas-saħħa [17] u proċedura ta' notifika u ta' kunsens ma tkunx neċessarja. Il-proċedura hija għalhekk sinjifikattivament iktar oneruża jekk ikun applikabbli r-Regolament Nru 1013/2006 [18].

54. Sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula, ir-Regolament Nru 1069/2009 għandu jiġi interpretat fid-dawl tas-sentenza ReFood, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kliem tiegħu, l-għan tiegħu u l-istruttura tiegħu.

1. Il-gwida fis-sentenza ReFood

55. Il-kawża li wasslet għal din is-sentenza kienet tirrigwarda t-trasport minn Stat Membru ta' prodott sekondarju mill-annimali tal-kategorija 3, jiġifieri skart mill-catering, li jaqa' taħt l-Artikolu 10(p) tar-Regolament Nru 1069/2009, intiż sabiex jiġi ttrattat f'impjant ta' bijogass li jinsab fi Stat Membru ieħor. Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk dan il-vjeġġ kienx irregolat mir-Regolament Nru 1013/2006 u, għalhekk, fid-dawl tan-natura tal-iskart inkwistjoni, suġġett għall-proċedura ta' notifika u kunsens minn qabel, jew mir-Regolament Nru 1069/2009 u għal proċedura inqas restrittiva. Peress li r-risposta kienet tiddependi fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni.

56. Kif tfakkar fil-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament il-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu fir-Regolament Nru 1069/2009, *ħlief* fil-każijiet fejn dan l-aħħar regolament jipprevedi espressament l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 [19]. Hija kkonstatat li dan kien il-każ ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart perikoluż, li huma espressament imsemmija fir-Regolament Nru 1069/2009 bħala li huma

16 Il-materjali l-oħra ttrasportati ma' prodotti sekondarji mill-annimali huma msemmija fil-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet, iżda l-ħama tad-drenaġġ hija dik li fuqhom kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet iffokaw ruħhom. F'dan ir-rigward, jiena nenfasizza li s-salmura hija essenzjalment ilma mielaħ u li ma sarux osservazzjonijiet fuq it-taħlitiet b'din il-materja. Barra minn hekk, l-ilma tal-iskart huwa essenzjalment ħama tad-drenaġġ.

17 Ara l-Artikolu 21(2) tar-Regolament Nru 1069/2009.

18 Ara s-sentenza ReFood, punt 39.

19 Korsiv miżjud minni. Ara s-sentenza ReFood, punti 55, 56 u 62.

koperti bir-Regolament Nru 1013/2006[20]. Għall-kuntrarju, hija enfasizzat li t-trasport ta' prodott sekondarju mill-annimali tal-Kategorija 3 ma jinsabx fost il-każijiet espressament imsemmija fir-Regolament Nru 1069/2009 u, għalhekk, ma jaqax taħt l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006[21].

57. Minn din is-sentenza, għandu jiġi dedott li t-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż, peress li ma humiex espressament imsemmija f'dawn il-każijiet, ma jaqgħux taħt ir-Regolament Nru 1013/2006, iżda taħt ir-Regolament Nru 1069/2009?

58. Din hija l-opinjoni ta' Kamstra Recycling, tal-Gvern Olandiż u tal-Kummissjoni. L-ewwel tnejn jikkunsidraw li, peress li din hija prodott sekondarju mill-annimali tal-kategorija 3 imħallat ma' skart mhux perikoluż, it-taħlita taqa' taħt din l-istess kategorija. Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-trasport ta' tali taħlita għandu jiġi ttrattat bħala li jaqa' taħt il-Kategorija 2. Il-Gvern Franċiż iqis, min-naħa tiegħu, li l-vjeġġ ta' tali taħlitiet huwa suġġett għar-Regolament Nru 1069/2009, fir-rigward tal-prodotti sekondarji mill-annimali li dawn it-taħlitiet fihom, u għar-Regolament Nru 1013/2006 fir-rigward tal-materjal l-ieħor li jikkostitwixxi skart mhux perikoluż li jifforma parti minnhom[22].

59. Kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, jeżisti dubju minħabba l-bidla li saret fid-definizzjoni "prodotti sekondarji mill-annimali" u ta' "kategorija" ta' prodotti sekondarji mill-annimali, wara t-tħassir u s-sostituzzjoni tar-Regolament Nru 1774/2002 bir-Regolament Nru 1069/2009. Dan tal-aħħar ma jidhirx li jkopri b'mod ċar tali taħlitiet fid-definizzjonijiet tiegħu[23].

60. Jiena nqis li s-sentenza ReFood li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat fid-dettall ir-Regolament Nru 1069/2009, fid-dawl tar-Regolament Nru 1013/2006 u tad-Direttiva 2008/98, tagħti l-għodda sabiex id-domanda mqajma fil-punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet tingħata risposta fl-affermattiv.

61. Madankollu, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qafas ta' din is-sentenza, ma kellhiex l-okkażjoni li tittratta l-problema ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż, jeħtieġ li din tiġi eżaminata billi jiġu esposti d-dubji li jqumu mill-kliem tar-Regolament Nru 1069/2009.

2. Id-dubji mqajma mid-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" u ta' "kategoriji"

62. Il-prodotti sekondarji mill-annimali huma ddefiniti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1069/2009 bħala iġsma jew partijiet ta' annimali, prodotti li ġejjin mill-annimali, li ma humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ooċiti, l-embrijuni u s-semen.

63. Il-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" mogħti fir-Regolament Nru 1774/2002, minkejja li huwa qrib din id-definizzjoni, kellu differenza inkwantu kien jirreferi għall-Artikoli 4, 5 u 6 ta' dan ir-regolament li kienu jiddefinixxu tliet kategoriji ta' prodotti sekondarji mill-annimali[24]. Dawn id-definizzjonijiet kienu jinkludu fir-rigward ta' kull kategorija mhux biss lista ta' prodotti sekondarji mill-annimali msemmija speċifikatament iżda wkoll "*xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn*[25].

20 Ara s-sentenza ReFood, punti 53 u 54.

21 Ara s-sentenza ReFood, punt 55.

22 L-Gvern Awstrijak, l-istess bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur, ippreżenta osservazzjonijiet biss matul il-proċedura bil-miktub u, għalhekk, ma setax jibbenefika mis-sentenza ReFood. Il-Gvern Awstrijak jikkunsidra li l-vjeġġ ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali mal-iskart mhux perikoluż jaqa' taħt ir-Regolament Nru 1013/2006. L-Uffiċċju tal-Prosekutur, bħall-Gvern Franċiż, iżda kuntrarjament għall-Gvern Olandiż, iqis li l-vjeġġ ta' tali taħlitiet huwa suġġett għall-applikazzjoni parallela tar-Regolament Nru 1013/2006 u tar-Regolament Nru 1069/2009.

23 Ara l-punti 12 u 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 Ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 Korsiv miżjud minni. Ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

64. B'hekk, taħt ir-Regolament Nru 1774/2002, kien possibbli u barra minn hekk ma huwiex ikkontestat li skart mhux perikoluż, bħall-ħama tad-drenaġġ, li miegħu jitħalltu prodotti sekondarji mill-annimali, jikkostitwixxu prodotti sekondarji mill-annimali peress li jifformaw parti mill-"materjal[i] li jikkontjenu prodotti sekondarji bħal dawn".

65. L-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament Nru 1069/2009 li jirriproduċu, b'emendi, dawn it-tliet kategoriji ta' materjali, jinkludu wkoll listi simili ta' prodotti sekondarji mill-annimali speċifikatament imsemmija, iżda ma għadx fihom "xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn".

66. Wara l-bdil introdott fid-definizzjoni ta' "kategoriji" ta' prodotti sekondarji mill-annimali, il-kwistjoni tqum dwar jekk tali taħlitiet għadhomx jikkostitwixxu prodotti sekondarji mill-annimali jew jekk il-leġiżlatur xtaqx jeskludi mir-Regolament Nru 1069/2009 it-taħlitiet ta' tali prodotti sekondarji ma' materjali oħra.

67. Hekk kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, interpretazzjoni letterali tar-regolament ibbażata biss fuq dawn id-definizzjoni twassal sabiex teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' materjali oħra, iżda t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tar-regolament, b'mod partikolari dawk li jirreferu għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart perikoluż, u l-oriġini tagħhom jistgħu jipprekludu tali konklużjoni.

68. Konsegwentement, għandu jsir riferiment għal dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra, li ġew eżaminati fis-sentenza ReFood, kif ukoll għall-oriġini tar-Regolament Nru 1069/2009, fit-taqsima segwenti.

3. Id-dispożizzjonijiet relatati mat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart perikoluż

69. It-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart perikoluż huma msemmija fl-Artikolu 41(2)(b), fl-Artikolu 43(5)(b) u fl-Artikolu 48(6) tar-Regolament Nru 1069/2009. Moqrija fid-dawl tax-xogħol preparatorju, dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li tiġi dedotta l-pożizzjoni tal-leġiżlatur f'dak li jirrigwarda t-trasport ta' taħlitiet ta' dawn il-prodotti sekondarji ma' skart *mhux perikoluż*.

70. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punti 53 u 54 tas-sentenza ReFood, dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu deroga mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 billi jipprevedu li t-trasport ta' taħlitiet ta' dawn il-prodotti sekondarji ma' skart perikoluż huwa suġġett għar-Regolament Nru 1013/2006.

71. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet *a contratio* fil-punt 55 ta' din is-sentenza li, minbarra l-każijiet espressament imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, il-vjeġġ ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma jaqax taħt l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

72. Għandu jiġi kkunsidrat, fid-dawl tax-xogħol preparatorju tar-Regolament Nru 1069/2009, li din il-konklużjoni hija applikabbli għall-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż, peress li dawn it-taħlitiet ma kinux imsemmija espressament f'dawn l-istess dispożizzjonijiet.

73. Fil-fatt, kif jirriżulta minn dan ix-xogħol preparatorju [26], proposta ta' emenda tal-portata tad-derogi previsti fl-Artikoli 41, 43 u 48, tar-Regolament Nru 1069/2009 kienet ġiet ippreżentata lill-Parlament Ewropew. L-emendi proposti [27] kienu jipprevedu li t-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' *kull* skart, perikoluż jew le, ma jkunux importati fl-Unjoni jew esportati 'l barra minnha, ma jgħaddux minnha jew jintbagħtu minn Stat Membru għal ieħor jekk mhux b'mod konformi mar-Regolament Nru 1013/2006.

74. Filwaqt li rrifjuta dawn l-emendi, għandu jiġi kkonstatat li l-Parlament, u, għalhekk, il-leġiżlatur [28], eżamina l-kwistjoni tas-sistema applikabbli għall-vjeġġ ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż u li huwa deliberatament eskluda li l-vjeġġ tagħhom ikun suġġett għar-Regolament Nru 1013/2006.

75. Inżid li, billi għamel hekk, il-leġiżlatur ma eskludiex dawn it-taħlitiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009, iżda biss mill-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga. Minn dan isegwi li dan ir-regolament ikopri t-taħlitiet kemm ma' skart *perikoluż* kif ukoll ma' skart *mhux perikoluż*, iżda li huwa biss il-vjeġġ tal-ewwel tip ta' taħlita li huwa suġġett għar-Regolament Nru 1013/2006.

76. Nenfasizza li ma hemm xejn fix-xogħol preparatorju li jindika li, billi emenda d-definizzjonijiet ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" u ta' "kategoriji" ta' prodotti sekondarji mill-annimali, il-leġiżlatur ried jemenda l-portata tar-Regolament Nru 1069/2009 f'dak li jirrigwarda dawn it-taħlitiet ma' skart mhux perikoluż. Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni li fuqha l-Parlament u l-Kunsill ħadmu użat definizzjonijiet simili għal dawk li jinsabu fir-Regolament Nru 1774/2002 u l-"kategoriji" kienu b'hekk jinkludu "xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn". Ir-rapport tat-2 ta' Marzu 2009, eżaminat mill-Parlament [29], kien għadu jinkludi, essenzjalment, dawn l-istess definizzjonijiet. Dawn ma ġewx emendati ħlief fil-pożizzjoni tal-Parlament meħuda fl-ewwel qari, tax-xahar ta' April ta' wara, pożizzjoni li magħha jikkorrispondi r-Regolament Nru 1069/2009 fil-verżjoni finali tiegħu, mingħajr ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għal dan il-bdil ta' definizzjonijiet.

77. B'hekk jidher li l-bidliet li saru fid-definizzjonijiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' kategoriji ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma kellhomx effett fuq il-kwistjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż.

78. L-għan tar-Regolament Nru 1069/2009 u l-istruttura tad-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorroboraw ukoll din l-analiżi.

79. Fir-rigward tal-*għanijiet* tar-Regolament Nru 1069/2009, infakkar, fl-ewwel lok, li mill-premessi 5 u 6 tar-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li l-leġiżlatur impenja ruħu sabiex jistabbilixxi qafas koerenti u komplet ta' regoli sanitarji applikabbli għall-prodotti sekondarji mill-annimali, b'mod partikolari għat-trasport tagħhom, li huma proporzjonati mar-riskji sanitarji u li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji għall-ambjent [30]. Ir-Regolament Nru 1069/2009 b'hekk jikkostitwixxi leġiżlazzjoni speċifika, jiġifieri *lex specialis*, meta mqabbel mar-Regolament Nru 1013/2006, li jinkludi t-trattament kollu ta' prodotti sekondarji mill-annimali.

26 Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem ("Regolament dwar il-Prodotti Sekondarji tal-Annimali"), tat-2 ta' Marzu 2009 (A6-0087/2009).

27 Ara l-emendi 111, 113 u 114.

28 Il-Parlament ma approvax dawn l-emendi fl-ewwel u l-uniku qari. It-test approvat mill-Parlament wara dan il-qari jikkorrispondi mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament Nru 1069/2009, adottat mill-Parlament u mill-Kunsill..

29 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Ara s-sentenza ReFood, punt 49.

80. Fit-tieni lok, hekk kif jirriżulta mill-premessa 11 tar-Regolament Nru 1013/2006 u mill-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2008/98, il-leġiżlatur fittex li jevita s-sovrappożizzjoni bejn ir-Regolament Nru 1069/2009 u r-Regolament Nru 1013/2006, u, fl-istess ħin, id-duplikazzjonijiet inutili filwaqt li neħħa, fil-prinċipju, it-trasport tal-prodotti sekondarji mill-annimali mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-iskart [31].

81. Filwaqt li reġgħet semmiet dawn l-elementi ċentrali fl-analiżi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 56 tas-sentenza ReFood, iddeċidiet li l-leġiżlatur ried, permezz tar-Regolament Nru 1069/2009 jistabbilixxi "qafas komplet ta' regoli applikabbli għat-trasport tal-prodotti sekondarji tal-annimali u jneħħi, ħlief b'deroga espressa, il-vjeġġi tal-prodotti sekondarji tal-annimali li huwa jkopri bl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006". Fi kliem ieħor, l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li r-Regolament Nru 1069/2009 jkopri l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali inklużi t-taħlitiet mal-iskart, filwaqt li jissuġġetta għas-sistema partikolari tar-Regolament Nru 1013/2006 il-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart perikoluż.

82. L-*istruttura* tar-Regolament Nru 1069/2009 tmur ukoll f'din id-direzzjoni. Billi ppreveda regoli għat-trasport kollu ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, l-inqas perikoluża, sat-taħlitiet ma' skart perikoluż, għall-prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategoriji 2 u 1, il-leġiżlatur ried ikopri s-sitwazzjonijiet kollha relatati mat-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali, inklużi, konsegwentement, it-taħlitiet ma' skart mhux perikoluż.

83. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn tal-aħħar mir-Regolament Nru 1069/2009 huwa wkoll ikkorroborat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 142/2011 [32]. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 142/2011, fil-Kapitolu III tal-Anness VIII tiegħu, fih mudell tad-dokument kummerċjali li għandu jimtela mit-trasportaturi, u li jsemmi b'mod espress, fost il-merkanzija li għalih japplika, it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż [33].

84. B'hekk, minkejja inċertezzi maħluqa bil-bidla fid-definizzjonijiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u tal-kategoriji ta' prodotti sekondarji mill-annimali, mir-regoli kollha previsti fir-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li dan ir-regolament jikkonċerna, bħar-Regolament Nru 1774/2002 ta' qablu, it-trasport kollu ta' prodotti sekondarji mill-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi t-taħlitiet ta' ċertu materjal ma' skart mhux perikoluż u li dawn it-taħlitiet għandhom bħal qabel jiġu kkunsidrati li huma prodotti sekondarji mill-annimali.

85. F'dan l-istadju tal-analiżi, għandhom jiġu speċifikati l-konklużjonijiet li għandhom jiġu misluta mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 fir-rigward tat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż.

31 Ara s-sentenza ReFood, punti 44, 46 u 47.

32 Regolament tal-Kummissjoni Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-direttiva (ĠU 2011, L 54, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1177 tal-10 ta' Lulju 2019 (ĠU 2019, L 185, p. 26) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 142/2011").

33 In-noti relatati mal-każ li jirrigwarda n-natura tal-merkanzija ttrasportata jirreferu fil-fatt għal lista ta' merkanzija li fosthom hemm tali taħlitiet li għandhom jiġu indikati: "[natura tal-prodott sekondarju mill-annimali jew tal-prodott derivat] imħallat ma' skart mhux perikoluż [kodiċi EURAL]".

4. Il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009

86. Fl-opinjoni tiegħi, mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li t-trasport ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż għandu jsegwi r-regoli applikabbli għall-kategorija li fiha jaqgħu l-prodotti sekondarji mill-annimali inkwistjoni. B'hekk, fir-rigward, bħal fil-każ tal-kawża prinċipali, ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3 ma' skart mhux perikoluż, japplikaw ir-regoli applikabbli għat-trasport ta' din il-kategorija ta' prodotti sekondarji mill-annimali.

87. Din il-konklużjoni tirriżulta mill-kliem stess tar-Regolament Nru 1069/2009. B'hekk, dan ir-regolament jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-prodotti sekondarji mill-annimali kollha, tkun xi tkun il-kategorija tagħhom [34], u dawk li japplikaw b'mod speċifiku għall-prodotti sekondarji mill-annimali skont il-kategoriji tagħhom [35].

88. Għalhekk ma naqbilx mal-opinjoni tal-Gvern Franċiż, li t-trasport ta' dawn it-taħlitiet huwa suġġett għal applikazzjoni parallela tar-Regolament Nru 1069/2009 u tar-Regolament Nru 1013/2006, u lanqas ma' dik tal-Kummissjoni, li dan it-trasport huwa rregolat mir-regoli applikabbli għall-prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 2. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, nikkunsidra li l-interpretazzjonijiet li huma jipproponu għandhom l-effett li jżidu r-restrizzjonijiet fuq l-operaturi ekonomiċi f'sens li ma huwiex previst mir-Regolament Nru 1069/2009.

a) Fuq l-applikazzjoni parallela ta' żewġ regolamenti

89. Il-Gvern Franċiż indika li, fl-opinjoni tiegħu, it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż huma suġġetti għal applikazzjoni parallela ta' żewġ regolamenti. Dan il-gvern spjega li, kieku kien applikabbli biss ir-Regolament Nru 1069/2009, Franza ma tkunx f'pożizzjoni li toġġezzjona għall-vjeġġ lejn it-territorju tagħha ta' ħama tad-drenaġġ imħallat ma' prodotti sekondarji mill-annimali li ġejjin minn Stati Membri oħra, sabiex jinfirex id-demel, kif tista' tagħmel abbażi tal-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1013/2006 [36]. L-imsemmi gvern espona wkoll ir-riskju li taħlita ta' ħama tad-drenaġġ ma' skart ta' supermarket ma tiġix ittrasportata fi Franza għal tali għanijiet mingħajr ma tiġi osservata l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi regoli stretti f'dan il-qasam. Fin-nuqqas ta' notifika ta' dan it-trasport skont ir-Regolament Nru 1013/2006, l-awtoritajiet kompetenti ta' destinazzjoni ma jkunux jafu dwar dan it-trasport u ma jkunux jistgħu jissuġġettawh għal ċerti kundizzjonijiet, jew saħansitra jipprojbixxu l-espedizzjoni tiegħu.

90. Madankollu, nikkunsidra li applikazzjoni parallela ta' dawn iż-żewġ regolamenti għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż ma hijiex possibbli. Qabel xejn, hija tneħħi s-sens tad-deroga relatata mat-taħlitiet ma' skart perikoluż, għaliex, kif ġie espost hawn fuq, minn din id-deroga, moqrija fid-dawl tal-oriġini tagħha, jirriżulta li huwa *biss* it-trasport ta' dawn tal-aħħar li huwa suġġett għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 u li t-trasport ta' taħlitiet ma' skart mhux perikoluż ma jaqax taħtu. Sussegwentement, minkejja li l-Gvern Franċiż jesprimi tħassib reali, dan ma għandux jiġġustifika applikazzjoni parallela ta' żewġ regolamenti għaliex tali applikazzjoni ma

34 Ara, pereżempju, l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 1069/2009 dwar il-ġbir, it-trasport u t-traċċabbiltà.

35 Ara, pereżempju: l-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament Nru 1069/2009 dwar l-eleminazzjoni u l-użu tal-materjali, l-Artikolu 12 li huwa ddedikat għall-materjali tal-kategorija 1, l-Artikolu 13 għal dawk tal-kategorija 2 u l-Artikolu 14 għal dawk tal-kategorija 3; l-Artikolu 48 ta' dan ir-regolament applikabbli għall-ispedizzjoni fl-Unjoni ta' materjali tal-Kategorija 1 jew 2 jew xi prodotti derivati ta' dawn il-materjali u t-taħlitiet ma' skart perikoluż jew ta' proteini tal-annimali pproċessati ġejjin minn materjal tal-Kategorija 3.

36 Il-Gvern Franċiż spjega li l-maġġoranza tal-Istati Membi ma jawtorizzawx dan it-tip ta' użu ta' ħama tad-drenaġġ imħallat ma' skart mhux perikoluż u li Franza tippermettih, iżda tissuġġettah għal regoli stretti. Huwa spjega li l-awtoritajiet nazzjonali jirriżervaw id-dritt, skont l-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1013/2006, li jirrifjutaw il-vjeġġ ta' dan il-ħama li ġej minn Stati Membri li ma jippreveduxtali użu ta' din il-ħama.

hijiex sostnuta f'dawn it-testi, peress li t-trasport inkwistjoni jaqa' barra mill-każijiet espressament previsti bir-Regolament Nru 1069/2009 għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006[37]. Finalment, applikazzjoni ta' żewġ regolamenti tmur kontra l-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur sabiex jevita s-sovrappożizzjoni ta' leġiżlazzjonijiet.

b) Fuq il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet ikkonċernati fil-Kategorija 2

91. Il-Kummissjoni esponiet li, fl-opinjoni tagħha, it-trasport ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3 ma' skart mhux perikoluż jaqa' taħt ir-regoli applikabbli għall-iskart ta' Kategorija 2. Dawn ir-regoli iktar restrittivi msemmija fl-Artikolu 48(1) sa (5) tar-Regolament Nru 1069/2009, f'dak li jikkonċerna l-ispedizzjoni fl-Unjoni, jipprevedu b'mod partikolari l-informazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.

92. Din l-istituzzjoni ssostni li l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1069/2009, li jirregola l-materjali tal-Kategorija 2, jinkludi l-pożizzjoni h), li tiġbor il-prodotti sekondarji mill-annimali minbarra l-materjali tal-Kategoriji 1 jew 3. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi klassifikazzjoni residwali li tkopri l-materjali kollha li ma humiex inklużi b'mod ċar fil-Kategoriji 1 jew 3 u tkun tista' tinkludi taħlitiet ma' skart mhux perikoluż. Tali klassifikazzjoni ssegwi l-loġika tar-Regolament Nru 1069/2009 li tgħid li, peress li hemm diversi kategoriji involuti, għandhom japplikaw dawk li jipprevedu l-iktar sistema ristretta.

93. Huwa ċertament veru li, fir-rigward ta' taħlitiet ta' materjali li jaqgħu f'kategoriji differenti, it-taħlita għandha tiġi kkunsidrata bħala li taqa' fil-kategorija li timponi l-iktar sistema ristretta[38] u li dan l-approċċ jidher li jikkorrispondi mal-loġika applikabbli, b'mod ġenerali, fil-qasam tal-iskart[39].

94. Madankollu, nenfasizza li l-leġiżlatur indika li bl-introduzzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 huwa xtaq inaqqas ir-restrizzjonijiet amministrattivi fuq l-operaturi ekonomiċi filwaqt li jżomm livell għoli ta' protezzjoni sanitarja[40]. Fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx għaldaqstant lok li tiġi applikata sistema iktar ristretta barra mill-każijiet previsti minn dan ir-regolament[41]. Issa, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja tmur preċiżament lil hinn mill-każijiet maħsuba mil-leġiżlatur jekk hija tikkunsidra li s-sistema tal-Kategorija 2 għandha tiġi applikata għat-trasport ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3 ma' skart mhux perikoluż.

95. L-ewwel nett, ir-regoli dwar l-applikazzjoni tas-sistema l-iktar ristretta huma previsti biss għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ta' kategoriji differenti[42], u mhux għal taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' materjali oħra.

96. It-tieni nett, din il-kategorija residwali, li kienet diġà tinsab fir-Regolament Nru 1774/2002[43], tinkludi, skont il-kliem tagħha, il-prodotti sekondarji mill-annimali minbarra l-materjali tal-Kategoriji 1 jew 3. Mill-premessa 35 tar-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li għandha tiġi applikata din il-kategorija residwali, bħal qabel, għall-materjali tat-tip bħal dawk elenkati fil-Kategoriji 1, 2 u 3 ta' dan ir-regolament, iżda li ma humiex espressament speċifikati fihom.

37 Ara s-sentenza ReFood, punt 55.

38 Ara l-premessa 30 tar-Regolament Nru 1069/2009.

39 Ara, f'dan is-sens, l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1013/2006 u s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Omni Metal Service (C-259/05, EU:C:2007:363, punti 32 sa 35).

40 Ara l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2008 [COM(2008)345 finali], punt 5.4. tal-espożizzjoni tal-motivi.

41 Ara, pereżempju, ir-regoli partikolari applikabbli b'mod partikolari għat-trasport tal-iskart tal-catering imsemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament Nru 1069/2009 u d-deroga prevista fl-Artikolu 48(6) ta' dan ir-regolament.

42 Ara l-Artikolu 8(g) tar-Regolament Nru 1069/2009, li jikklassifika fil-Kategorija 1 it-taħlitiet tal-Kategorija 1 mal-materjali tal-Kategoriji 2 u/jew 3, u l-Artikolu 9(g) ta' dan ir-regolament li jikklassifika fil-Kategorija 2, it-taħlitiet ta' materjali tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3.

43 Ara l-Artikolu 5(g) tar-Regolament Nru 1774/2002.

97. B'hekk, ninnota li, taħt ir-Regolament Nru 1774/2002, ċerti materjali bħal "ġlud" u l-"flieles ta' ġurnata" ma kienu msemmija speċifikatament fl-ebda kategorija. Konsegwentement, dawn il-materjali probabbilment kienu jaqgħu f'din il-kategorija residwali u kellhom jiġu kklassifikati, awtomatikament, fil-Kategorija 2[44]. Il-leġiżlatur żamm din il-klassifikazzjoni residwali, bħal qabel, bħala miżura ta' prekawzjoni sabiex kull prodott sekondarju mill-annimali ieħor li ma jaqax fl-ebda waħda mit-tliet kategoriji jiġi kklassifikat fil-kategorija 2. Minn naħa l-oħra, din il-kategorija ma tistax tapplika, ħlief taħt ir-Regolament Nru 1774/2002, għat-taħlitiet ma' skart mhux perikoluż.

98. It-tielet nett, filwaqt li rrikonoxxiet li l-klassifikazzjoni fil-Kategorija 2 tat-taħlitiet imsemmija hija oneruża ħafna għall-operaturi ekonomiċi jekk tapplika għall-katina ta' operazzjonijiet kollha[45], il-Kummissjoni indikat, matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa biss it-*trasport* ta' dawn it-taħlitiet li għandu jaqa' taħt ir-regoli applikabbli għall-prodotti sekondarji mill-annimali tal-kategorija 2. L-operazzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari l-irkupru, ikomplu jkunu suġġetti għar-regoli applikabbli għall-Kategorija 3.

99. Madankollu, ir-Regolament Nru 1069/2009 bl-ebda mod ma jipprevedi din il-klassifikazzjoni differenti skont l-operazzjonijiet li għalihom l-materjali kkonċernati huma suġġetti. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 29 u mill-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1069/2009, l-uniku kriterju rilevanti għall-klassifikazzjoni tal-prodotti sekondarji mill-annimali huwa l-grad ta' riskju u mhux l-operazzjoni mwettqa. Il-klassifikazzjoni ta' prodott sekondarju mill-annimali skont il-kategorija tapplika, għalhekk, għall-operazzjonijiet kollha li għalihom il-prodott sekondarju huwa suġġett, mill-ġbir tiegħu sal-użu jew l-eliminazzjoni tiegħu. Minn dan isegwi li taħlita ta' materjali koperta bir-Regolament Nru 1069/2009 li fiha skart mhux perikoluż ma għandhiex tiġi kklassifikata f'kategorija iktar ristretta, f'dan il-każ il-Kategorija 2, għall-finijiet tat-trasport tagħha biss.

100. Konsegwentement nikkunsidra li, fir-rigward ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3 ma' skart mhux perikoluż, it-taħlita taqa' f'din il-kategorija u t-trasport ta' din it-taħlita fl-Unjoni huwa suġġett għar-regoli li jolqtu l-prodotti sekondarji mill-annimali ta' din l-istess kategorija.

101. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk tali taħlitiet għandhomx jiġu kkunsidrati bħala prodotti sekondarji mill-annimali, tkun xi tkun il-proporzjon ta' prodotti sekondarji mill-annimali fihom.

102. Il-proporzjon tal-materjali ma tissemmix fir-Regolament Nru 1069/2009 u ma tidhirx li tikkostitwixxi informazzjoni rilevanti. B'hekk, kwantità żgħira ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3 mħallta ma' skart mhux perikoluż twassal, bħala regola, sabiex din it-taħlita tiġi kklassifikata bħala li taqa' taħt materjali tal-Kategorija 3.

103. Madankollu, din il-kwistjoni tirrifletti tħassib sottostanti, jiġifieri r-riskju li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 għat-taħlitiet inkwistjoni ma twassalx għal evażjonijiet abbużivi tar-Regolament Nru 1013/2006. Barra minn hekk, huwa dan it-tħassib li wassal lill-Gvern Franċiż u lill-Kummissjoni sabiex jipproponu l-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet addizzjonali. Konsegwentement, ser nittratta din il-kwistjoni fit-taqsima segwenti.

5. Ir-riskju ta' evażjoni abbużiva

104. Diversi eżempji ta' aġir ikkunsidrat bħala abbużiv ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja.

44 Dawn il-prodotti issa ġew ikklassifikati mill-ġdid fil-Kategorija 3, ikkunsidrata bħala iktar adattata għan-natura perikoluża tagħhom, rispettivament fl-Artikolu 10(b)(iii) u fl-Artikolu 10(k)(iii) tar-Regolament Nru 1069/2009.

45 Il-Gvern Franċiż indika, waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li, billi għaddiet taħt il-Kategorija 2, taħlita intiża sabiex tiġi pproċessata f'impjant ta' kompostaġġ jew ta' bijogass għandha, minn qabel, tkun suġġetta għal sterelizzazzjoni taħt pressjoni, li hija attività partikolarment ristrettiva u tiswa l-flus għall-operaturi ekonomiċi.

105. Jiena diġà semmejt ir-riskju msemmi mill-Gvern Franċiż li ħama tad-drenaġġ, imħallat ma' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, jiġi ttrasportat għall-finijiet ta' tifrix ta' demel mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni jkunu informati u li jiġi mifrux bi ksur tar-regoli nazzjonali.

106. Il-Gvern Olandiż, min-naħa tiegħu, semma l-eventwalità li skart mhux perikoluż jitgħabba fi trakkijiet li ma jkunux tnaddfu biżżejjed wara li jkunu ttrasportaw prodotti sekondarji mill-annimali u li jiġu kkunsidrati bħala taħlita rregolata mir-Regolament Nru 1069/2009, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1013/2006.

107. Finalment, l-Uffiċċju tal-Prosekutur semma l-possibbiltà li impriżi jitfgħu kartuna tal-ħalib fi skart mhux perikoluż sabiex jevitaw ir-regoli iktar stretti tar-Regolament Nru 1013/2006.

108. Il-ksur ċar tar-regoli ta' Stat Membru jew tal-Unjoni jista' jikkostitwixxi ksur li jista' jiġi ssanzjonat.

109. Iktar delikata hija s-sitwazzjoni fejn l-operatur ekonomiku josserva formalment dawn ir-regoli.

110. Infakkar li l-eżistenza ta' prattika abbużiva tippreżupponi li jeżistu element suġġettiv u element oġġettiv [46]. L-ewwel wieħed jimplika li l-prattika inkwistjoni jkollha l-għan essenzjali li tibbenefika minn vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi toħloq b'mod artifiċjali l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu [47]. It-tieni wieħed jirreferi għal numru ta' ċirkustanzi oġġettivi li minnhom jirriżulta li, minkejja l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għan li għandu jiġi segwit minnhom ma jkunx intlaħaq [48].

111. Iż-żieda ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż, bħall-ħama tad-drenaġġ, tista', f'ċerti ċirkustanzi, tikkostitwixxi prattika abbużiva.

112. Dan huwa l-każ taż-żieda ta' kartuna tal-ħalib bis-sempliċi għan li tiġi evitata l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 u li tiġi applikata l-proċedura inqas ristrettiva tar-Regolament Nru 1069/2009.

113. Għall-kuntrarju, jekk il-prodott sekondarju mill-annimali jiġi ttrasportat skont il-prattiki tal-professjoni u dawn jipprevedu b'mod partikolari li prodotti sekondarji mill-annimali, bħal prodotti tal-ħalib fi kwantità żgħira, jistgħu jiżdiedu ma' ħama tad-drenaġġ għal finijiet ta' pproċessar f'impjant ta' bijogass, ma hemmx lok li dan it-trasport taħt is-sistema tar-Regolament Nru 1069/2009 jiġi kkunsidrat bħala prattika abbużiva.

114. L-istħarriġ tal-osservanza tar-regoli li jinsabu fir-Regolament Nru 142/2011, b'mod partikolari fil-qasam tal-iġjene, ta' traċċabbiltà u ta' kwantità ta' materjali ttrasportati għandhom jippermettu li jiġi vverifikat li t-trasport mwettaq taħt is-sistema tar-Regolament Nru 1069/2009 ma jikkostitwixxix prattika abbużiva.

115. Madankollu, ma huwiex eskluż li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009 għal taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, jiġifieri Kategoriji 1 jew 2, ma' skart mhux perikoluż ma tippermettix li tingħata protezzjoni b'mod adegwat lill-ambjent.

46 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Argos Supply Trading (C-4/15, EU:C:2016:223, punt 110).

47 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, EU:C:2006:121, punt 75).

48 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, EU:C:2000:695, punt 52), kif ukoll tal-11 ta' Jannar 2007, Vonk Dairy Products (C-279/05, EU:C:2007:18, punt 33).

116. Fil-fatt, anki fil-każ ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategoriji 1 jew 2, minkejja li r-Regolament Nru 1069/2009 jieħu inkunsiderazzjoni l-ambjent [49], jekk ikun dan ir-regolament biss li japplika għat-trasport ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' skart mhux perikoluż, jista' jibqa' dubju dwar it-traċċabbiltà ta' dawn tal-aħħar. Kif sostna l-Gvern Franċiż waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan huwa spjegat bil-fatt li n-notifika tat-trasport ta' dawn it-taħlitiet mhux neċessarjament tiżvela b'mod preċiż il-materjali l-oħra minbarra l-prodotti sekondarji mill-annimali.

117. Barra minn hekk, ninnota li l-Artikolu 48(1)(c) tar-Regolament Nru 1069/2009 jippermetti li t-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategoriji 1 jew 2 ikun suġġett għal kundizzjonijiet li huma intiżi sabiex jipproteġu s-saħħa pubbika u tal-annimali, iżda li r-riskji marbuta mal-ambjent ma humiex imsemmija.

118. B'hekk nifhem it-tħassib marbut mal-ambjent imsemmi f'din il-kawża, iżda nikkunsidra li dawn ma jawtorizzawx lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Nru 1069/2009 b'mod li jagħmel iktar oneruż r-restrizzjonijiet imposti fuq l-operaturi ekonomiċi, kif jipproponu l-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni, fl-assenza ta' bażi legali għal dan il-għan. Il-proposti tagħhom ma għandhomx jikkostitwixxu interpretazzjoni aċċettabli tar-Regolament Nru 1069/2009. Fil-każ li r-realtà tar-riskji msemmija tista' tiġi pprovata, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jemenda l-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'mod partikolari r-Regolament Nru 1069/2009.

119. Fl-istat attwali tal-leġiżlazzjoni, nipproponi, konsegwentement, li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-tielet domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 1069/2009, eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' materjali oħra li jikkostitwixxu skart mhux perikoluż, tkun xi tkun il-proporzjon ta' prodotti sekondarji mill-annimali.

120. Ir-regoli applikabbli għat-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali ta' kategorija partikolari mħallta ma' skart mhux perikoluż huma dawk li jirregolaw it-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu f'din il-kategorija.

V. Konklużjoni

121. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi) bil-mod segwenti:

1) Id-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali), hija indipendenti mid-definizzjoni ta' "prodott sekondarju" li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, b'tali mod li materjal jista' jkun prodott sekondarju mill-annimali mingħajr ma jkun prodott sekondarju fis-sens ta' din id-direttiva.

2) L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi espressament l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

49 Ara s-sentenza ReFood, punt 49.

Il-każijiet inkwistjoni jinsabu fl-Artikolu 41(2)(b), fl-Artikolu 43(5)(b), u fl-Artikolu 48(6) tar-Regolament Nru 1069/2009. Dawn jirrigwardaw kollha kemm huma taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' prodotti perikolużi.

3) Ir-Regolament Nru 1069/2009, eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għal taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali ma' materjali oħra li jikkostitwixxu skart mhux perikoluż, tkun xi tkun il-proporzjon ta' prodotti sekondarji mill-annimali.

Ir-regoli applikabbli għat-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali ta' kategorija partikolari mħallta ma' skart mhux perikoluż huma dawk li jirregolaw it-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu f'din il-kategorija.